MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 89

It-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Michael Debono - Accountant

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

### 89.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

89.1.1 Ġiet ippreżentata l-ittra ta' apoloġija mis-Sa Elizabeth Vella u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

89.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 86 (sitta u tmenin) li saret fit-23 ta' April, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 87 (sebgħa u tmenin) li saret fis-27 ta' April, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 88 (tmienja u tmenin) li saret fl-4 ta' Mejju, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### 89.2.2 Korrezzjonijiet

89.2.2.1 Minuta 86.3.2 – Titneħħa l-kelma "muscat" u tiżdied "Muscat"

Minuta 86.3.4 – Titneħħa l-frażi "*bus* xelter" u tiżdied minflok "xelter tax-xarabank".

Minuta 86.5.1 - Titneħħa
"Fit-20.15 is-Sur Horace Anastasi ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa."
U tiżdied
"Fit-20.20 is-Sur Horace Anastasi ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa."

### Punti mqajma mill-minuti

89.2.2.2 Minuta 86.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-preparamenti għall-attivita' mexjin. Ser jinġiebu l-permessi meħtieġa u ser jiġu stampati ukoll il-posters. Għal din l-okkażjoni, ser ikun hemm il-kantanti Freddie Portelli, Dario u Grecia Bezzina. Ser tittella ukoll wirja ta' annimali u tjur kif ukoll wirja ta' karozzi antiki. Ser ikun hemm ukoll "*Show of Arms*".

Fis-6.45 ta' filgħaxija wasal is-Sur Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

89.2.2.3 Minuta 86.3.4 – Is-Sindku informa lill-membri li t-talba tal-Kunsill sabiex ix-xelter ikun sal-art ġiet milqugħa u li ser jindaga jekk hemmx bżonn ta' permessi. Ser isir ftehim fejn il-kuntrattur ser jagħmel dan ix-xelter b'xejn u bħala kumpens ser ikollu r-riklam tiegħu. Il-membri qablu unanimament.

Minuta 86.4.2 - Is-Sindku informa lill-membri li sar kuntatt ma Sammer First Aid Course u dawn ser jinfurmawna bid-data ta meta ser isir.

89.2.2.4

Minuta 86.5.2 – Is-Sindku informa lill-membri li rigward il-kuntratt tad-dwal tat-toroq, il-prezzijiet ġew imqabbla mal-prezzijiet eżistenti u ġie innotat li huma ferm għola.
89.2.2.5 Għadaqstant, hemm l-għażla li jitwaqqa' t-*tender* u nibqgħu bil-kuntratt skadut. Dan wara li jittieħed parir legali. Fil-kas li t-*tender* jerġa' joħroġ mill-ġdid, hemm il-possibbiltà li l-istess kuntrattur jerġa jitfa' l-offerta bi prezz għola. Is-Sindku ppropona li jittieħed parir legali.

Il-membri qablu unanimament.

Minuta 88.1 – Is-Sindku informa lill membri li wara li saret il-Laqgħa b'Urġenza nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju, 2018, Transport Malta għamlu t-tibdil fit-*Traffic Management*
89.2.2.6 għalkemm kienu mitluba sabiex ma jagħmlu xejn qabel issir konsultazzjoni pubblika. Dan it-tibdil ma sarx skont il-pjan kollu li kien issottometta l-Kunsill. Il-pożizzjoni tal-Kunsill għaldaqstant għadha ma nbidlitx. Il-Laqgħa Pubblika ser issir kif kien maqbul nhar it-30 ta' Mejju, 2018 fejn ser tiġi ppreżentata statistika ta' kemm intużat il-*Loading/Unloading Bay* matul ix-xahar ta' Mejju 2018.

Sadanittant, il-Kunsill Lokali qed jevalwa kull sitwazzjoni nkluż dik li tittieħed possibilment azzjoni legali.

Il-membri qablu unanimament.

## 89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

89.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna l-ittra ta' riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sa Jane Yvonne Spiteri b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2018. Ser taħdem in-*notice* u għaldaqstant l-aħħar ġurnata tax-xogħol ser tkun nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju, 2018. Għaldaqstant ser jiskatta l-proċess biex jinħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex imbagħad ikun jista' jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid.

89.3.2 Is-Sindku informa lill-Membri li l-Proġett taż-Żgħażagħ ġie approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Sadanittant il-kwotazzjoni li kienu ppreżentaw il-kumpanija ReCoop issa għoliet b'madwar €400. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill diġà ħallas għall-permessi meħtieġa tal-Awtorita' tal-Ippjanar, kif ukoll għall-pjanti u l-ispejjeż professjonali tal-Perit. Għaldaqstant, peress li s-sehem li kellu jħallas il-Kunsill huwa ta 20% tal-ispiża, jiġifieri €600, il-Kunsill ħass li la dan il-proġett huwa afdat f'idejn iż-żgħażagħ, id-differenza għandha tinqasam proporzjonalment bejn il-Kunsill u l-Aġenzija Żgħazagħ. Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex ix-xogħol jitkompla kif previst.

Il-membri qablu unanimament.

## 89.4 *Rapporti/Korrispondenza*

89.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Joanne Montanaro f'isem l-Aġenzija Sapport kitbet lill-Kunsill fejn talbet lill-Kunsill 2 *parking spaces,* biex jintużaw minn persuni b'diżabbilità, waħda fi Triq il-Ħarrub u *Communal Parking space* fi Triq Patri Ġwann Azzopardi bil-ħinijiet ta bejn is-7.30am sal-5.30pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex naraw jekk hemmx diġa fl-akwata u jekk jirriżulta fin-negattiv, issir applikazzjoni lil Transport Malta.

Il-membri qablu unanimament.

89.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv attendiet għal laqgħa ta' informazzjoni għal programm ta' *Car Sharing* permezz ta' karozzi elettriċi. Il-Membri qablu li jiġu identifikati żewġ *parking stations* Triq il-Kbira San Ġużepp (ħdejn il-Kunsill), tnejn oħra Triq il-Ferrovija u tnejn oħra Triq il-Kanun.

Il-membri qablu unanimament.

Fit-20.35 is-Sur Gianluca Falzon ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

89.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-vann tal-Kunsill għandu ħsarat konsiderevoli u li hemm il-bżonn li jinbidel. Għaldaqstant ser jinġiebu 3 kwotazzjonijiet għal vann ieħor. L-ispiża m'għandhiex taqbeż il-€5,000.

Il-membri qablu unanimament.

## 89.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

89.5.1 Is-Sindku ssospenda r-regolamenti tal-kamra u stieden lill-Accountant Mr. Michael Debono biex jagħti l-kummenti u r-risposti tiegħu tal-*Management Letter 2017.*

L-Accountant, Mr. Michael Debono spjega fid-dettal il-lista tal-bidliet li kien hemm bżonn isir fil-Financial Statements wara li sar l-Audit.

Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona l-*Audited Financial Statements* filwaqt li s-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku. Il-membri kollha vvutaw favur dan ir-rapport u ma kienx hemm astenzjonijiet jew voti kontra.

Il-membri qablu unanimament.

89.5.2 L-Accountant, is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal il-*Quarterly Financial Report – January - March 2018* lill-Membri tal-Kunsill.

Wara diskussjoni s-Sindku ppropona l-*Quarterly Financial Report – January - March 2018* filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku. Il-membri kollha vvutaw favur dan ir-rapport u ma kienx hemm astenzjonijiet jew voti kontra.

Il-membri qablu unanimament.

89.5.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntrattur tal-knis mhux qed jagħmel xogħol sew għax ħalla l-ħmieġ jakkumula f'Santa Venera. Għaldaqstant, ser jittieħed parir legali sabiex jinżamm il-pagament lil Elton John Zammit. Kif kien maqbul, inġiebu 3 kwotazzjonijiet għal xahar mingħand 3 kuntratturi oħra. Il-kwotazzjonijiet huma b'2 ħaddiema.

1. Premier Business Limited - €3,800
2. Waste Collection Ltd - €3,722.25
3. WM Environmental Ltd - €3,600

Ix-xogħol ta' knis ser isir minn WM Environmentals li ssottometta l-orħos kwotazzjoni.

Il-membri qablu unanimament

89.5.4 Is-Sindku informa lill-membri li ser isir monument taċ-ċentinarju, bħala simbolu tal-100 Sena Parroċċa. Ser jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex tiġi stabbilita l-ispiża ta' dan il-monument. Il-membri qablu li l-monument isir fil-kantuniera bejn Triq il-Kbira San Ġużepp u Triq Braille.

Il-membri qablu unanimament.

## 89.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

89.6.1 Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u / jew Sotto Kumitati.

## 89.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet. Il-pagament numru 170 pagabbli lil Elton John Zammit u għas-somma ta' €1,634.79 ma ġiex approvat.

Il-membri qablu unanimament.

## 89.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 89 sa 136.

| | |
|---|---|
| 89 | Jinġiebu l-permessi tal-garaxxijiet u firem mis-sidien |
| 90 | Ħaddiema Assenjati |
| 91 | Ħaddiema Assenjati |
| 92 | Ħaddiema Assenjati |
| 93 | 1. Issir mis-Sid. 2.Contracts Manager |
| 94 | Diġa hemm approvazzjoni fuq din minn Transport Malta |
| 95 | Contracts Manager |
| 96 | Rifjutata – diġa kienet ittieħdet deċiżjoni fuqha |
| 97 | B. Grima & Sons – hemm approvazzjoni sabiex issir Triq il-Ferrovija kollha |
| 98 | Konfini Hamrun |
| 99 | Central Asphalt |
| 100 | WSC |
| 101 | Ħaddiema Assenjati |
| 102 | Ħaddiema Assenjati |
| 103 | B. Grima & Sons |
| 104 | Rifjutata |
| 105 | Contracts Manager |
| 106 | B. Grima & Sons (issir it-triq kollha) |
| 107 | Contracts Manager |
| 108 | Pendenti |
| 109 | Qed jiġu ndirizzati b'permezz tal-kuntrattur il-ġdid |
| 110 | Logografix |
| 111 | Jitwaħħal dogbin |
| 112 | Ħaddiema Assenjati |
| 113 | Ħaddiema Assenjati |
| 114 | Transport Malta |
| 115 | Ħaddiema Assenjati (issir it-triq kollha) |
| 116 | Central Asphalt |
| 117 | B. Grima & Sons – għal rigward il-lampa għandu jiċċekkja l-Contracts Manager |
| 118 | B. Grima & Sons |
| 119 | Rifjutata |
| 120 | Rapport lill-gwardjani |
| 121 | Ħaddiema Assenjati |
| 122 | Ħaddiema Assenjati (issir it-triq kollha) |
| 123 | Ħaddiema Assenjati |
| 124 | Rapport lill-gwardjani |
| 125 | Ħaddiema Assenjati |
| 126 | Isir dog bin kantuniera ma' Triq Misraħ il-Barrieri jew ma Triq il-Fanali |
| 127 | Ħaddiema Assenjati |
| 128 | Ħaddiema Assenjati |
| 129 | Ħaddiema Assenjati |
| 130 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 131 | Transport Malta |
| 132 | Contracts Manager |
| 133 | Transport Malta |
| 134 | B. Grima & Sons |
| 135 | Enemalta |
| 136 | B. Grima & Sons |

## 89.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-9.30 pm u ġiet aġġornata għat-25 ta' Ġunju, 2018, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 25 ta' Ġunju, 2018

IFFIRMATA

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv